Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2016/1693

tal-20 ta' Settembru 2016

dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2002/402/PESK

(ĠU L 255, 21.9.2016, p. 25)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1560 tal-14 ta' Settembru 2017	L 237	71	15.9.2017
►M2	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/283 tas-26 ta' Frar 2018	L 54 I	6	26.2.2018
►M3	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1000 tas-16 ta' Lulju 2018	L 178 I	3	16.7.2018
►M4	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1540 tal-15 ta' Ottubru 2018	L 257 I	3	15.10.2018
►M5	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/271 tat-18 ta' Frar 2019	L 46 I	3	18.2.2019
►M6	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1721 tal-14 ta' Ottubru 2019	L 262	64	15.10.2019
►M7	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1944 tal-25 ta' Novembru 2019	L 303 I	3	25.11.2019
►M8	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1126 tat-30 ta' Lulju 2020	L 246	10	30.7.2020
►M9	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1516 tad-19 ta' Ottubru 2020	L 348	15	20.10.2020
►M10	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/613 tal-15 ta' April 2021	L 129 I	4	15.4.2021
►M11	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1825 tat-18 ta' Ottubru 2021	L 369	14	19.10.2021
►M12	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/240 tal-21 ta' Frar 2022	L 40	21	21.2.2022
►M13	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/837 tat-30 ta' Mejju 2022	L 147 I	3	30.5.2022
►M14	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/950 tal-20 ta' Ġunju 2022	L 164 I	4	20.6.2022
►M15	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1967 tas-17 ta' Ottubru 2022	L 270	84	18.10.2022
►M16	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/726 tal-31 ta' Marzu 2023	L 94	48	3.4.2023

▼B

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2016/1693

tal-20 ta' Settembru 2016

dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2002/402/PESK

Artikolu 1

1. Il-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni diretta jew indiretta ta' armi jew ta' materjal relatat ta' kull tip, inklużi armi u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari u spare parts lil kwalunkwe individwu, grupp, impriża jew entità dežinjata mill-KSNU skont il-UNSCRs 1267 (1999), 1333 (2000) u 2253 (2015) kif aġġornati mill-Kumitat stabbilit skont il-UNSCR 1267 (1999) ("il-Kumitat"), jew dežinjata mill-Kunsill, jew lil dawk li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, minn ċittadini ta' Stati Membri jew mit-territorji tal-Istati Membri jew li jgħaddu minnhom jew bl-użu ta' bastimenti jew ta' inġenji tal-ajru li jtajru l-bandiera tagħhom, għandhom jiġu pprojbiti sew jekk joriġinaw fit-territorji tagħhom u sew jekk le.

2. Għandu jkun ipprojbit:

(a) l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija u servizzi oħra, relatati ma' attivitajiet militari u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' armi u ta' materjal relatat ta' kull tip, inklużi armi u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari, u spare parts għal dawn imsemmija hawn fuq, direttament jew indirettament lil kwalunkwe individwu, grupp, impriża jew entità msemmija fil-paragrafu 1;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati ma' attivitajiet militari, inkluż b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni għal kwalunkwe bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' armi u materjal relatat, jew għall-forniment ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija u servizzi oħrajn direttament jew indirettament lil kwalunkwe individwu, grupp, impriża jew entità msemmija fil-paragrafu 1;

(c) il-parteċipazzjoni konsapevoli u intenzjonali f'attivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom ikun li jiġu evitati l-projbizzjonijiet imsemmija fil-punt (a) jew (b) ta' dan il-paragrafu.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu d-dħul fit-territorji tagħhom, jew it-transitu minnhom, ta' persuni dežinjati u soġġetti għal restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar mill-KSNU f'konformità mal-UNSCRs 1267 (1999), 1333 (2000) u 2253 (2015) jew mill-Kumitat identifikati bħala li:

(a) jipparteċipaw fil-finanzjament, l-ippjanar, l-iffaċilitar, it-tħejjija jew it-twettiq ta' atti jew attivitajiet minn, flimkien ma', taħt l-isem ta', f'isem, jew b'appoġġ għal;

▼B

(b) ifornu, ibigħu jew jittrasferixxu armi u materjal relatat ma';

(c) jirreklutaw għal, jew b'mod ieħor jappoġġaw atti jew attivitajiet ta'

Al-Qaida, ISIL (Da'esh), jew kwalunkwe ċellola, grupp affiljat, grupp li ħareġ minnhom jew derivattiv tagħhom; jew

(d) huma kkontrollati direttament jew indirettament minn, jew b'xi mod jappoġġaw, kwalunkwe individwu, grupp, impriża jew entità assoċjata ma' Al-Qaida jew ISIL (Da'esh), inklużi fuq il-Lista ta' Sanzjonijiet kontra l-ISIL (Da'esh) u Al-Qaida.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu d-dħul fit-territorji tagħhom, jew it-transitu minnhom, ta' persuni:

(a) assoċjati ma' ISIL (Da'esh) u Al-Qaida jew kwalunkwe ċellola, grupp affiljat, grupp li ħareġ minnhom jew derivattiv tagħhom, inkluż billi:

(i) jipparteċipaw fil-finanzjament tal-ISIL (Da'esh) u Al-Qaida jew kwalunkwe ċellola, grupp affiljat, grupp li ħareġ minnhom jew derivattiv tagħhom, jew fil-finanzjament ta' atti jew attivitajiet minn, flimkien ma', taħt l-isem ta', f'isem jew b'appoġġ għalihom;

(ii) jipparteċipaw fl-ippjanar, l-iffaċilitar, it-tħejjija jew it-twettiq ta' atti jew attivitajiet jew ifornu jew jirċievu taħriġ terroristiku bħal struzzjonijiet relatati ma' armi, apparat esplożiv jew metodi jew teknoloġiji oħra bil-għan li jwettqu atti terroristiċi minn, flimkien ma', taħt l-isem ta', f'isem jew b'appoġġ tal-ISIL (Da'esh) u Al Qaida jew kwalunkwe ċellola, grupp affiljat, grupp li ħareġ minnhom jew derivattiv tagħhom;

(iii) jimpenjaw ruħhom f'kummerċ mal-ISIL (Da'esh), Al Qaida jew ma' kwalunkwe ċellola, grupp affiljat, grupp li ħareġ minnhom jew derivattiv tagħhom, b'mod partikolari taż-żejt, prodotti taż-żejt, raffineriji modulari u materjal relatat, kif ukoll kummerċ f'riżorsi naturali oħrajn u l-kummerċ ta' proprjetà kulturali;

(iv) ifornu, ibigħu jew jittrasferixxu armi u materjal relatat lill-ISIL (Da'esh), Al Qaida jew lil kwalunkwe ċellola, grupp affiljat, grupp li ħareġ minnhom jew derivattiv tagħhom;

(b) jivvjaġġaw jew jippruvaw jivvjaġġaw barra mill-Unjoni għall-iskop li:

(i) jikkommettu, jippjanaw, iħejju jew jipparteċipaw f'atti terroristiċi f'isem jew b'appoġġ għall-ISIL (Da'esh), Al Qaida, jew għal kwalunkwe ċellola, grupp affiljat, grupp li ħareġ minnhom jew derivattiv tagħhom;

▼B

(ii) jipprovdu jew jirċievu taħriġ terroristiku f'isem jew b'appoġġ għall-ISIL (Da'esh), Al Qaida, jew għal kwalunkwe ċellola, grupp affiljat, grupp li ħareġ minnhom jew derivattiv tagħhom; jew

(iii) jappoġġaw b'xi mod ieħor lill-ISIL (Da'esh), Al Qaida jew lil kwalunkwe ċellola, grupp affiljat, grupp li jinqata' minnhom jew derivattiv tagħhom;

(c) jippruvaw jivvjaġġaw ġewwa l-Unjoni għall-istess skop kif imsemmi fil-punt (b) jew li jipparteċipaw f'atti jew attivitajiet li jsiru flimkien ma', taħt l-isem ta', f'isem jew b'appoġġ tal-ISIL (Da'esh), Al Qaida, jew kwalunkwe ċellola, grupp affiljat, grupp li ħareġ minnhom jew derivattiv tagħhom;

(d) jirreklutaw, jew b'mod ieħor jappoġġaw atti jew attivitajiet tal-ISIL (Da'esh), Al Qaida, jew kwalunkwe ċellola, grupp affiljat, grupp li ħareġ minnhom jew derivattiv tagħhom, inkluż billi:

(i) jipprovdu jew jiġbru, bi kwalunkwe mezz, direttament jew indirettament, fondi sabiex jiġi ffinanzjat l-ivvjaġġar ta' individwi, għall-iskop imsemmi fil-punti (b) u (c); jorganizzaw il-vjaġġi ta' individwi għall-iskop imsemmi fil-punti (b) u (c), jew inkella jiffaċilitawhom għal dak l-iskop;

(ii) jipperswadu lil persuna oħra tipparteċipa f'atti jew attivitajiet li jsiru flimkien ma', taħt l-isem ta', f'isem jew b'appoġġ tal-ISIL (Da'esh), Al Qaida, jew kwalunkwe ċellola, grupp affiljat, grupp li ħareġ minnhom jew derivattiv tagħhom;

(e) jinċitaw jew jipprovokaw pubblikament atti jew attivitajiet minn, flimkien ma', fl-isem ta', jew f'appoġġ tal-ISIL (Da'esh), Al-Qaida jew kwalunkwe ċellola, grupp affiljat, grupp li ħareġ minnhom jew derivattiv tagħhom, inkluż l-inkoraġġiment jew il-glorifikazzjoni ta' tali atti jew attivitajiet li b'hekk jikkaġunaw periklu li jistgħu jiġu mwettqa atti terroristiċi;

(f) huma involuti jew kompliċi f'ordnijiet jew fit-twettiq ta' abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-ħtif, l-istupru, il-vjolenza sesswali, iż-żwieġ furzat u l-iskjavitù tal-persuni, barra mit-territorju tal-Unjoni, f'isem jew taħt l-isem tal-ISIL (Da'esh), Al Qaida jew kwalunkwe ċellola, grupp affiljat, grupp li ħareġ minnhom jew derivattiv tagħhom,

kif elenkat fl-Anness.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx jobbligaw lil Stat Membru jirrifjuta d-dħul taċ-ċittadini tiegħu stess fit-territorju tiegħu.

4. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika meta d-dħul jew it-transitu huwa meħtieġ biex jitwettaq proċess ġudizzjarju, jew meta l-Kumitat jiddetermina li d-dħul jew it-transitu huwa ġustifikat.

5. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill-miżuri imposti taħt il-paragrafu 2 fejn l-ivvjaġġar ikun ġustifikat:

(a) għal raġunijiet ta' ħtieġa umanitarja urġenti;

▼B

(b) għall-fini ta' proċess ġudizzjarju; jew

(c) meta Stat Membru huwa marbut b'obbligu lejn organizzazzjoni internazzjonali.

6. Stat Membru li jixtieq jagħti l-eżenzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 5 għandu jinnotifika b'dan lill-Kunsill bil-miktub. Fir-rigward tal-punti (a) u (b) tal-paragrafu 5, l-eżenzjoni għandha titqies li ngħatat bil-kondizzjoni li ma ssir l-ebda oġġezzjoni bil-miktub minn membru wieħed jew iżjed tal-Kunsill, fi żmien jumejn ta' ħidma minn meta tiġi rċevuta n-notifika tal-eżenzjoni proposta. F'każ li membru wieħed jew iżjed tal-Kunsill jagħmlu oġġezzjoni, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi li jagħti l-eżenzjoni proposta.

7. Fejn, skont il-paragrafu 5, Stat Membru jawtorizza d-dħul fi, jew it-transitu mit-territorju tiegħu, ta' persuni elenkati fl-Anness, l-awtorizzazzjoni għandha tkun limitata għall-iskop li għalih tkun ingħatat u għall-persuni kkonċernati minnha.

Artikolu 3

1. Il-fondi kollha, l-assi finanzjarji u r-riżorsi ekonomiċi oħrajn, li huma l-proprjetà ta' jew ikkontrollati, direttament jew indirettament, minn persuni, gruppi, impriżi u entitajiet dežinjati u soġġetti għal iffriżar tal-assi mill-KSNU skont l-UNSCRs 1267 (1999), 1333 (2000) u 2253 (2015), jew mill-Kumitat, identifikati bħala li:

(a) jipparteċipaw fil-finanzjament, l-ippjanar, l-iffaċilitar, it-tħejjija jew it-twettiq ta' atti jew attivitajiet minn, flimkien ma', taħt l-isem ta', f'isem, jew b'appoġġ għal;

(b) ifornu, ibigħu jew jittrasferixxu armi u materjal relatat ma';

(c) jirreklutaw għal, jew inkella li jappoġġaw atti jew attivitajiet ta',

Al-Qaida, ISIL (Da'esh) jew kwalunkwe ċellola, grupp affiljat, grupp li ħareġ minnhom jew derivattiv tagħhom; jew

(d) huma proprjetà ta' jew ikkontrollati direttament jew indirettament minn, jew b'xi mod jappoġġaw, kwalunkwe individwu, grupp, impriża jew entità assoċjata ma' ISIL (Da'esh) jew Al-Qaida, inklużi fuq il-Lista ta' Sanzjonijiet kontra l-ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, jew minn parti terza li taġixxi f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom,

għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fond, assi finanzjarju jew riżorsa ekonomika oħra ma għandha tkun disponibbli, direttament jew indirettament għal jew għall-benefiċċju ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi msemmija fil-paragrafu 1.

3. Il-fondi kollha, l-assi finanzjarji u r-riżorsi ekonomiċi oħrajn, li huma l-proprjetà ta' jew ikkontrollati, direttament jew indirettament, minn persuni, gruppi, impriżi u entitajiet:

▼B

(a) assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u Al-Qaida jew kwalunkwe ċellola, grupp affiljat, grupp li ħareġ minnhom jew derivattiv tagħhom, inkluż billi:

(i) jipparteċipaw fil-finanzjament tal-ISIL (Da'esh) u Al-Qaida jew kwalunkwe ċellola, grupp affiljat, grupp li ħareġ minnhom jew derivattiv tagħhom, jew fil-finanzjament ta' atti jew attivitajiet minn, flimkien ma', taħt l-isem ta', f'isem jew b'appoġġ għalihom;

(ii) jipparteċipaw fl-ippjanar, l-iffaċilitar, it-tħejjija jew it-twettiq ta' atti jew attivitajiet jew ifornu jew jirċievu taħriġ terroristiku bħal struzzjonijiet relatati ma' armi, apparat esplożiv jew metodi jew teknoloġiji oħra bil-għan li jwettqu atti terroristiċi minn, flimkien ma', taħt l-isem ta', f'isem jew b'appoġġ tal-ISIL (Da'esh) u Al Qaida jew kwalunkwe ċellola, grupp affiljat, grupp li ħareġ minnhom jew derivattiv tagħhom;

(iii) jimpenjaw ruħhom f'kummerċ mal-ISIL (Da'esh), Al Qaida jew minn kwalunkwe ċellola, grupp affiljat, grupp li ħareġ minnhom jew derivattiv tagħhom, b'mod partikolari taż-żejt, prodotti taż-żejt, raffineriji modulari u materjal relatat, kif ukoll kummerċ f'riżorsi naturali oħrajn u l-kummerċ ta' proprjetà kulturali;

(iv) ifornu, ibigħu jew jittrasferixxu armi u materjal relatat lill-ISIL (Da'esh), Al Qaida jew lil kwalunkwe ċellola, grupp affiljat, grupp li ħareġ minnhom jew derivattiv tagħhom;

(b) li jivvjaġġaw jew jippruvaw jivvjaġġaw barra mill-Unjoni għall-iskop li:

(i) jikkommettu, jippjanaw, iħejju jew jipparteċipaw f'atti terroristiċi f'isem jew b'appoġġ għall-ISIL (Da'esh), Al Qaida, jew kwalunkwe ċellola, grupp affiljat, grupp li ħareġ minnhom jew derivattiv tagħhom;

(ii) jipprovdu jew jirċievu taħriġ terroristiku f'isem jew b'appoġġ għall-ISIL (Da'esh), Al Qaida, jew kwalunkwe ċellola, grupp affiljat, grupp li ħareġ minnhom jew derivattiv tagħhom; jew

(iii) jappoġġaw b'xi mod ieħor lill-ISIL (Da'esh), Al Qaida jew kwalunkwe ċellola, grupp affiljat, grupp li jinqata' minnhom jew derivattiv tagħhom;

(c) li jippruvaw jivvjaġġaw ġewwa l-Unjoni għall-iskop imsemmi fil-punt (b) jew li jipparteċipaw f'atti jew attivitajiet li jsiru flimkien ma', taħt l-isem ta', f'isem jew b'appoġġ tal-ISIL (Da'esh), Al Qaida, jew kwalunkwe ċellola, grupp affiljat, grupp li ħareġ minnhom jew derivattiv tagħhom;

▼B

(d) li jirreklutaw, jew b'mod ieħor jappoġġaw atti jew attivitajiet tal-ISIL (Da'esh), Al Qaida, jew kwalunkwe ċellola, grupp affiljat, grupp li ħareġ minnhom jew derivattiv tagħhom, inkluż billi:

(i) jipprovdu jew jiġbru, bi kwalunkwe mezz, direttament jew indirettament, fondi sabiex jiġi ffinanzjat l-ivvjaġġar ta' individwi, għall-iskop imsemmi fil-punti (b) u (c); jorganizzaw il-vjaġġi ta' individwi għall-iskop imsemmi fil-punti (b) u (c), jew inkella jiffaċilitawhom għal dak l-iskop;

(ii) jipperswadu lil persuna oħra tipparteċipa f'atti jew attivitajiet li jsiru flimkien ma', taħt l-isem ta', f'isem jew b'appoġġ tal-ISIL (Da'esh), Al Qaida, jew kwalunkwe ċellola, grupp affiljat, grupp li ħareġ minnhom jew derivattiv tagħhom;

(e) li jinċitaw jew jipprovokaw pubblikament atti jew attivitajiet minn, flimkien ma', fl-isem ta', jew f'appoġġ tal-ISIL (Da'esh), Al-Qaida jew kwalunkwe ċellola, grupp affiljat, grupp li ħareġ minnhom jew derivattiv tagħhom, inkluż bl-inkoraġġiment jew il-glorifikazzjoni ta' tali atti jew attivitajiet li b'hekk jikkaġunaw periklu li jistgħu jiġu mwettqa atti terroristiċi;

(f) li huma involuti jew kompliċi f'ordnijiet jew fit-twettiq ta' abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-ħtif, l-istupru, il-vjolenza sesswali, iż-żwieġ furzat u l-iskjavitù tal-persuni, barra mit-territorju tal-Unjoni, f'isem jew taħt l-isem tal-ISIL (Da'esh), Al Qaida jew kwalunkwe ċellola, grupp affiljat, grupp li ħareġ minnhom jew derivattiv tagħhom,

kif elenkati fl-Anness, għandhom jiġu ffriżati.

4. L-ebda fond, assi finanzjarju jew riżorsa ekonomika oħra ma għandha tkun disponibbli, direttament jew indirettament għal jew għall-benefiċċju tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi msemmija fil-paragrafu 3.

5. B'deroga mill-paragrafi 1, 2, 3 u 4, jistgħu jsiru eżenzjonijiet għal fondi, assi finanzjarji u riżorsi ekonomiċi li huma:

(a) meħtieġa għal spejjeż bażiċi, inkluż ħlas għal oġġetti tal-ikel, kera jew ipoteka, mediċini u kura medika, taxxi, poloz ta' assigurazzjoni u tariffi ta' servizzi ta' utilità pubblika;

(b) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' onorarji professjonali raġonevoli u għar-rimborż ta' spejjeż li jkunu konnessi mal-għoti ta' servizzi legali f'konformità mal-liġijiet nazzjonali; jew

(c) maħsuba esklużivament għal ħlas ta' tariffi jew imposti għal servizz, f'konformità mal-liġijiet nazzjonali, għaż-żamma jew manutenzjoni ta' rutina ta' fondi ffriżati, assi finanzjarji u riżorsi ekonomiċi oħrajn,

Dawk l-eżenzjonijiet għandhom isiru biss wara n-notifika mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kumitat, fejn xieraq, dwar l-intenzjoni li jawtorizza l-aċċess għal tali fondi, assi finanzjarji jew riżorsi ekonomiċi oħrajn u fin-nuqqas ta' deċiżjoni negattiva mill-Kumitat fi żmien tliet ijiem ta' ħidma minn tali notifika.

▼B

6. B'deroga mill-paragrafi 1, 2, 3 u 4, jistgħu jsiru wkoll eżenzjonijiet għal fondi, assi finanzjarji u riżorsi ekonomiċi li huma meħtieġa għal spejjeż straordinarji bil-kondizzjoni li tali determinazzjoni għandha tkun notifikata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru lill-Kumitat fejn applikabbli, u tkun ġiet approvata mill-Kumitat.

7. Il-paragrafu 3 ma għandux iżomm lil persuna jew entità dežinjata milli tagħmel ħlas dovut taħt kuntratt li jkun sar qabel l-elenkar ta' tali persuna jew entità, bil-kondizzjoni li l-Istat Membru rilevanti jkun iddetermina li l-ħlas ma jiġix irċevut direttament jew indirettament minn persuna jew entità msemmija fil-paragrafi 1 u 3.

8. B'deroga mill-paragrafu 3, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati bil-kondizzjoni li jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu soġġetti ta' deċiżjoni arbitrarja li ttieħdet qabel id-data li fiha l-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemmi fil-paragrafu 3 kien ġie elenkat fl-Anness, ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva meħuda fl-Unjoni, jew deċiżjoni ġudizzjarja infurzabbli fl-Istat Membru kkonċernat, qabel, fi, jew wara dik id-data;

(b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jintużaw esklużivament biex jiġu ssodisfati pretensjonijiet garantiti minn tali deċiżjoni jew rikonoxxuti bħala validi f'tali deċiżjoni, fil-limiti stabbiliti mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta' persuni li jkollhom tali pretensjonijiet;

(c) id-deċiżjoni ma tkunx għall-benefiċċju ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness; u

(d) ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni ma jmurx kontra l-politika pubblika fl-Istat Membru kkonċernat.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan il-paragrafu.

9. Il-paragrafi 2 u 4 m'għandhomx japplikaw għaż-żieda ta' ħlasijiet f'kontijiet iffriżati ta' persuni u entitajiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 3, dment li kull pagament bħal dan jiġi ffriżat.

▼M16

10. Il-paragrafi 1, 2, 3 u 4 ma għandhomx japplikaw għall-forniment, l-ipproċessar jew il-pagament ta' fondi, assi finanzjarji jew riżorsi ekonomiċi oħra jew għall-forniment ta' oġġetti u servizzi, li huma neċessarji biex jiġi żgurat it-twassil f'waqtu ta' assistenza umanitarja jew biex jiġu appoġġati attivitajiet oħra li jappoġġaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-bniedem fejn tali assistenza u attivitajiet oħra jitwettqu minn:

(a) in-Nazzjonijiet Uniti, inkluż il-programmi, il-fondi u entitajiet u korpi oħra tagħha, kif ukoll l-aġenziji speċjalizzati u l-organizzazzjonijiet relatati tagħha;

(b) organizzazzjonijiet internazzjonali;

(c) organizzazzjonijiet umanitarji bi status ta' osservatur mal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u membri ta' dawk l-organizzazzjonijiet umanitarji;

(d) organizzazzjonijiet mhux governattivi ffinanzjati bilateralment jew multilateralment li jipparteċipaw fil-Pjanijiet ta' Rispons Umanitarju tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Pjanijiet ta' Rispons għar-Refuġjati, appelli oħra tan-Nazzjonijiet Uniti jew raggruppamenti umanitarji kkoordinati mill-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji (OCHA);

(e) l-impjegati, il-benefiċjarji, is-sussidjarji, jew is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni tal-entitajiet imsemmija fil-punti (a) sa (d) waqt li u sakemm ikunu qed jaġixxu f'dawk il-kapaċitajiet; jew minn,

(f) atturi oħra xierqa kif determinati mill-Kumitat fir-rigward tal-paragrafi 1 u 2, u mill-Kunsill fir-rigward tal-paragrafi 3 u 4.

▼B

Artikolu 4

L-ebda pretensjoni, inklużi pretensjonijiet għal kumpens jew kwalunkwe pretensjoni oħra ta' dan it-tip, bħal pretensjoni għal tpaċija jew pretensjoni koperta minn garanzija, b'rabta ma' kwalunkwe kuntratt jew transazzjoni li t-twettiq tagħha kien affettwat, direttament jew indirettament, kompletament jew parzjalment, minħabba miżuri deċiżi skont il-UNSCRs 1267 (1999), 1333 (2000) u 2253 (2015), inklużi miżuri tal-Unjoni jew kwalunkwe Stat Membru f'konformità ma', kif rikjest minn jew bi kwalunkwe konnessjoni mal-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet rilevanti tal-KSNU jew miżuri koperti minn din id-Deċiżjoni, ma għandhom jingħataw lill-persuni jew l-entitajiet dežinjati min-NU jew elenkati fl-Anness jew kwalunkwe persuna jew entità li tressaq pretensjoni permezz ta' jew għall-benefiċċju ta' kwalunkwe tali persuna jew entità.

▼B

Artikolu 5

1. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'unanimità, fuq proposta minn Stat Membru jew mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, għandu jistabbilixxi l-lista fl-Anness u jadotta modifiki għalihom.

2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1, inkluż id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet, lill-persuna fiżika jew ġuridika, grupp, impriżiau entità ikkonċernati, jew direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż, li tipprovdi lil tali persuna fiżika jew ġuridika, grupp, impriża jew entità b'opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet.

3. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew provi sostanzjali ġodda, il-Kunsill għandu jirrevedi d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 u jinforma lill-persuna fiżika jew ġuridika, grupp, impriża jew entità kkonċernata kif meħtieġ.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, jekk Stat Membru jikkunsidra li kien hemm bidla sostanzjali ta' ċirkostanzi li jaffettwaw id-deżinjazzjoni ta' persuna jew entità elenkata, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mingħand dak l-Istat Membru, jista' jiddeċiedi li jneħħi l-isem ta' din il-persuna jew entità mil-lista fl-Anness.

▼M16

Artikolu 6

1. Din id-Deċiżjoni għandha tiġi rieżaminata, emendata jew imħassra kif xieraq, b'mod partikolari fid-dawl tad-deċiżjonijiet rilevanti mill-KSNU jew mill-Kumitat.

2. L-Artikolu 3(10) għandu japplika sad-9 ta' Diċembru 2024, sakemm il-KSNU ma jiddeċidix li jestendi l-applikazzjoni tal-UNSCR 2664 (2022) lil hinn minn dik id-data.

3. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 3(3) u (4) għandhom jiġu rieżaminati f'intervalli regolari u minn tal-inqas kull 12-il xahar.

4. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet minn persuna jew entità deżinjata f'konformità mal-Artikolu 2(2) jew l-Artikolu 3(3) u (4), il-Kunsill għandu jirrieżamina d-deżinjazzjoni fid-dawl ta' dawk l-osservazzjonijiet u l-miżuri għandhom jieqfu japplikaw jekk il-Kunsill jiddetermina, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 5, li l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħhom ma għadhomx sodisfatti.

5. Jekk issir talba ulterjuri, ibbażata fuq evidenza sostanzjali ġdida, sabiex persuna jew entità titneħħa mill-Anness, il-Kunsill għandu jagħmel rieżami ulterjuri f'konformità mal-paragrafu 3.

6. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 2(2) u fl-Artikolu 3(3) u (4) għandhom japplikaw sal-31 ta' Ottubru 2023.

▼M7

Artikolu 6a

1. Il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (".ir-Rappreżentant Għoli") jistgħu jipproċessaw data personali sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom taħt din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari:

▼M7

(a) fir-rigward tal-Kunsill, it-tħejjija ta' emendi u għall-emendar tal-Anness;

(b) fir-rigward tar-Rappreżentant Għoli, it-tħejjija ta' emendi għall-Anness.

2. Il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli jistgħu jipproċessaw, fejn applikabbli, data rilevanti b'rabta ma' reati kriminali mwettqa minn persuni fiżiċi elenkati, ma' kundanni penali ta' tali persuni jew ma' miżuri ta' sigurtà li jikkonċernaw lit-tali persuni, biss sa fejn tali proċessar ikun meħtieġ għat-tħejjija tal-Anness.

3. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli huma maħtura bħala "kontrolluri" fis-sens tal-punt (8) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), sabiex jiġi żgurat li l-persuni fiżiċi kkonċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom taħt ir-Regolament (UE) 2018/1725.

▼B

Artikolu 7

Il-Pożizzjoni Komuni 2002/402/PESK hija mħassra u sostitwita b'din id-Deċiżjoni.

Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

▼B

ANNESS

Lista ta' persuni, gruppi, impriżi u entitajiet imsemmija fl-Artikoli 2 u 3

▼M12

A. Persuni msemmija fl-Artikoli 2 u 3

▼M6

_____

▼M3

2. Rabah TAHARI (magħruf ukoll bħala Abu Musab); data tat-twelid: 28 ta' Awwissu 1971; post tat-twelid: Oran (l-Alġerija); nazzjonalità: Alġerina.

▼M4

3. Hocine BOUGUETOF; data tat-twelid: 1 ta' Lulju 1959; post tat-twelid: Tebessa (l-Alġerija); nazzjonalità: Alġerina.

▼M5

4. Brahim el KHAYARI; data tat-twelid: 7 ta' Mejju 1992; post tat-twelid: Nîmes (Franza); nazzjonalità: Franċiż.

▼M7

5. Guillaume PIROTTE; data tat-twelid: 7 ta' Ġunju 1994; post tat-twelid: Grasse (Franza); nazzjonalità: Franċiża.

▼M8

6. Bryan D'ANCONA; data tat-twelid: 26 ta' Jannar 1997; post tat-twelid: Nizza (Franza); nazzjonalità: Franċiża.

▼M10

7. Mesut SEKERCI; data tat-twelid: 22 ta' Lulju 1995; post tat-twelid: Evreux (Franza); nazzjonalità: Franċiża, Torka.

▼M12

8. Osama MAHMOOD (magħruf ukoll bħala Ustadh Usama Mahmood, Ousama Mahmood); nazzjonalità: Pakistani (preżunt).

9. Sultan Aziz AZAM (magħruf ukoll bħala Aziz Azam, Sultan Aziz, Sultan Azziz Azzam, Sultan Aziz Ezzam); data tat-twelid: 1985; post tat-twelid: Afganistan; nazzjonalità: Afgana.

▼M13

10. Faruq AL-SURI (magħruf ukoll bħala Samir Hijazi, Samir 'Abd al-Latif Hijazi, Abu Hammam Al-Shami, Abu Humam Al-Shami Abu Hammam Al-'Askari); data tat-twelid: 1977; post tat-twelid: Damasku, is-Sirja; sess: raġel; nazzjonalità: Sirjana (preżunta).

11. Sami AL-ARIDI (magħruf ukoll bħala Abu Mohammad Al-Shami, Abu Mahmud Al-Sham, Abu Mahmud Al-Shami, Sami Al-Oride, Sami Al-Oraidi, Sami Al-Oraydi, Sheikh Dr. Sami Al-Uraydi); data tat-twelid: 1973; sess: raġel; nazzjonalità: Ġordaniża (preżunta).

▼M14

12. Sidan Ag HITTA (magħruf ukoll bħala Asidan Ag Hitta, Abu 'Abd al-Hakim, Abu Abdelhakim al-Kidali, Abu Qarwani, Al Qaïrawani, Abou Abdel Hamid Al Kidali); data tat-twelid: 1976; post tat-twelid: Kidal, il-Mali; sess: raġel; nazzjonalità: Maljana.

13. Salem ould BREIHMATT (magħruf ukoll bħala OULD ABED Cheikh ould Mohamed Salec, Abu Hamza al-Shanqiti, Abu Hamza al-Shinqiti, Hamza al-Mauritani, NITRIK Hamza, Abu Hamza al-Chinguetti); data tat-twelid: 1978 jew 1984; post tat-twelid: il-Mauritania; sess: raġel; nazzjonalità: Mauritanjana.

14. Jafar DICKO (magħruf ukoll bħala Jaffar Dicko, Abdoul Salam Dicko, Amadou Boucary, Amadou Boucary Dicko); data tat-twelid: (maħsub li hi) l-1980; sess: raġel; nazzjonalità: Burkinjana.

▼M12

B. Gruppi, impriżi u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 3

1. Al-Qaeda fis-Subkontinent Indjan (AQIS), (magħruf ukoll bħala Al-Qa'ida fis-Subkontinent Indjan, Qaedat al-Jihad fis-Subkontinent Indjan).

2. Da'esh –Hind Province (Da'esh –Provinċja ta' Hind) (magħruf ukoll bħala Wilayah of Hind (Wilayah ta' Hind), Islamic State's Hind Province (ISHP) (Provinċja ta' Hind tal-Istat Iżlamiku), IS-Wilayat al-Hind, Da'esh –Wilayat al-Hind).

▼M13

3. Hurras AL-DIN (HaD) (magħruf ukoll bħala Hurras al-Deen, Huras-al-Din, Guardians of Religion, Tanzim Hurras Al-Din, Tandhim Hurras Al-Deen, Sham Al-Ribat, Al-Qaida fis-Sirja, AQ-S).

▼M14

4. Ansarul Islam (magħruf ukoll bħala Ansar al-Islam, Ansarour Islam, Ansaroul Islam, Defenders of Islam, Ansar-ul-islam lil-ichad wal jihad, IRSAD, Ansar ul Islam of Malam Boureima Dicko).